# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.1**

Nagħrfu fejn jiġu fuq mappa l-bliet il-qodma tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella; insibu evidenza tal-importanza strateġika li kellhom dawn il-bliet qodma fil-passat.

## A. Wieġeb bl-għajnuna tal-mappa tal-Gżejjer Maltin.




1. Fuq il-mappa, l-Imdina hija mmarkata bin-numru _____.

2. Liema numru jindika lill-Birgu? Numru _____.

3. Il-belt antika Għawdxija nirreferu għaliha bħala _______ u fuq il-mappa hija mmarkata bin-numru _____.

4. Liema belt minnhom it-tlieta qiegħda qrib il-baħar?

__________________________________________________________

## B. Diskussjoni

Għandha ssir diskussjoni ħafifa dwar il-pożizzjoni strateġika tagħhom. Jifhmu l-pożizzjoni strateġika tagħhom fil-passat u l-importanza tagħhom matul iż-żmien. L-istudenti għandhom ikunu jafu li:

- L-Imdina kienet qiegħda f'pożizzjoni tajba billi kienet imdawra mis-swar u mibnija f'post għoli f'nofs il-gżira ta' Malta u għalhekk imbiegħda mix-xtut.





- Fil-Birgu kien hemm il-Kastell ta' Sant' Anglu li kien il-fortifikazzjoni prinċipali madwar il-Port il-Kbir fiż-żminijiet medjevali.

- Iċ-Ċittadella kienet il-fortifikazzjoni t'Għawdex billi kienet mibnija fil-għoli f'nofs il-gżira



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi terġa' tħares lejn il-mappa ta' Ex A.**

1. Liema żewġt ibliet ġew mibnija fuq għolja:

   a) ____________________

   b) ____________________

2. Semmi żewġ karatteristiċi komuni li għandhom it-tlett ibliet imsemmija kollha:

   a) ____________________________________________________________

   b) ____________________________________________________________

3. Ħdejn liema numru tpoġġi l-Kastell Sant' Anġlu?

   ____________________________________________

## B. Wieġeb billi taqta' sing taħt ir-risposti t-tajbin.

1. Iċ-Ċittadella tinsab (f'nofs Malta, f'nofs Għawdex, qrib il-bajja tal-Ġnejna).
2. L-Imdina nbniet (qrib il-baħar, fuq għolja, ġo wied).
3. Fil-bliet qodma kollha taċ-Ċittadella, l-Imdina u l-Birgu nsibu (baħar fil-qrib, Katidral, toroq dojoq).
4. Il-bliet qodma taċ-Ċittadella, l-Imdina u l-Birgu huma kollha (qrib il-baħar, mibnija fuq għolja, mdawrin bis-swar).
5. Fl-antik, il-belt kapitali ta' Malta kienet (Iċ-Ċittadella, l-Imdina, il-Mellieħa).
6. Il-Kavallieri ta' San Ġwann, għall-ewwel li ġew Malta, għamlu (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu) bħala l-belt kapitali tagħhom.
7. Waħda mir-raġunijiet li l-Kavallieri marru joqogħdu l-Birgu kienet illi kien hemm il-protezzjoni (tal-isptar, tal-katina, tal-Kastell Sant' Anġlu).
8. L-importanza tal-Imdina (kompliet tonqos, żdiedet, ma' ġietx affettwata) mill-bini tal-Belt Valletta wara l-Assedju l-Kbir.

## Ċ. Aħseb, imbagħad wieġeb.

1. Għaliex iċ-Ċittadella nbniet fuq għolja u 'l bogħod mill-baħar?

___________________________________________________________

___________________________________________________________

2. Għaliex fl-antik il-Birgu kien importanti ħafna għall-kummerċ?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex fl-antik, l-Imdina kienet importanti ħafna għall-irħula tal-kampanja, bħal pereżempju s-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ?

_______________________________________________

_______________________________________________

**D. Imla l-vojt bil-kliem mogħti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| nies | il-baħar | l-Belt Ewlenija | swar |
| għall-Imdina | bereġ | l-ħallelin tal-baħar | Kavallieri ta' San Ġwann |



Għal snin twal, f'Malta u anke f'Għawdex, ħadd ma kien jabbuża joqgħod qrib _________________. Dan għaliex spiss, bil-lejl, il-pirati, jiġifieri _________________, kienu jinżlu l-art u jisirqu kulma jsibu. Naturalment kienu jsirqu anke _________________. Dawn in-nies li jinqabdu mill-ħallelin tal-baħar kienu jinbigħu bħala lsira. Ħafna minnhom qatt ma ġew lura Malta.

Allura n-nies kienu jippreferu joqogħdu 'l bogħod kemm jista' jkun mill-baħar. Hekk pereżempju, għal bosta snin, hekk kif jingħata s-sinjal li hawn il-pirati fil-qrib, il-Maltin kienu jerħulha _________________ u l-Għawdxin kienu jistkennu fiċ-Ċittadella. Kemm l-Imdina kif ukoll iċ-Ċittadella kienu mdawrin



b'ħitan għoljin li jissejħu __________________.
Bil-lejl il-bibien tal-belt kienu jingħalqu kollha.

Ġara iżda li fl-1530, il-Gżejjer Maltin ingħataw lill-__________________. Dawn kellhom flotta żgħira ta' xi ħames xwieni. Għalihom imma, ix-xwieni kienu importanti mmens. Allura l-Imdina, 'il bogħod mill-baħar, ma tantx tħajru għaliha. Minflok, il-Kavallieri ta' San Ġwann għamlu lill-Birgu bħala __________________ tagħhom. Il-Birgu tmiss mal-baħar.



Hawnhekk huma bnew sptar u palazzi li jissejħu __________________. Huma bnew berġa għal kull lingwa li kellhom, b'kollox tmienja.

**E. Aħseb, imbagħad ikteb.**

Immaġina li inti l-Gran Mastru tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Għadkom kif wasaltu Malta. Ipprova ġib argumenti biex tispjega lil sħabek il-Kavallieri għaliex ma jaqblilkomx tmorru toqogħdu l-Imdina, imma jaqblilkom tmorru l-Birgu.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

## F. Wieġeb fuq il-mappa u wara penġi l-Baħar Mediterran blu.

1. Ikteb in-**numru 1** fejn insibu l-belt qadima taċ-Ċittadella.




2. Ikteb in-**numru 2** fejn insibu l-belt qadima tal-Imdina.

3. Ikteb in-**numru 3** fejn insibu l-belt tal-Birgu.

4. Liema mit-tliet numri li ktibt jinsab l-eqreb tal-Port il-Kbir?

   ______________________________

5. Ikteb l-**ittra M** darbtejn, f'żewġ postijiet fejn hemm il-baħar Mediterran.

## F. Diskussjoni

Illum il-ġurnata l-ikbar importanza tibqa' marbuta mat-turiżmu. Norbtu ma' Ġ5.1.1 li tittratta dwar l-importanza li għandu t-turiżmu għal pajjiżna. Biex nagħmlu dan il-punt aħjar infittxu stampi ta' turisti qegħdin jaraw is-siti tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.

